**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex0**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 10/2021 BS**

**Tarcisio Said**

**-vs-**

**Carmen Cini et**

**Illum 23 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti;

**PRELIMINARI**

Fl-04 ta' Marzu 2021 Tarcisio Said (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrent"), ippreżenta rikors li permezz tiegħu talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Carmen Cini, Desmond Cini u Sally Cini (minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-intimati");

Fl-istess ġurnata, ingħata digriet li permezz tiegħu il-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimati hamest ijiem żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tat-12ta' Marzu, 2021;

Fit-08 ta' Marzu, 2021 l- intimati intavolaw ir-risposta tagħhom.

Ir-rikors ġie trattat fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2021 u tħalla għal digriet kamerali.

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

**IT-TALBA**.

Ir-rikorrent qed jitlob lil Qorti tordna il-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimati jinżammu milli :

*Ibieghu, jassenjaw jew jittrasferixxu jew b'xi mod iehor jiddisponu minn, jew jimponu xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod iehor jghaddu t-tgawdija temporanja jew xort'ohra jiddisponu minn jew jimponu jew jghabbu xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq is-segwenti propjeta' jew bi kwalunkwe mod iehor inaqqsu il-valur tal-istess u dan senjatament fuq is-segwenti propjeta':*

- *Il-kwota ta' wiehed u disghin parti minn mija u tnejn u sittin parti (91/162) indiviza jew kwota verjuri mid-dar bin-numru sebgha (7) fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex;*
- *Il-kwota ta' nofs (1/2) indiviz jew kwota verjuri mill-appartament immarkat bin-numru ghaxra (10) formanti parti minn blokk bini b-isem 'Alfina Flats' fi Triq Manwel Magro, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, konfinanti mill-punent mat-triq imsemmija u mill-irjieh l-ohra ma' beni ta' terzi mhux maghrufa;*
- *Il-kwota ta' terza (1/3) parti indiviza jew kwota verjuri mill-porzjoni art maghrufa bhala 'Tal-Gebel l-Ahmar' sitwata fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u tnejn u tmenin metri kwadri (182 m.k.) u konfinanti mill-irjieh kollha ma' beni ta' terzi mhux maghrufa;*
- *Zewg bicciet raba' maghrufa bhala 'Ta' Taht it-Torri', sitwati fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex:*
    - *Wahda tal-kejl ta' cirka mija u tlieta u erbghin metri kwadri (143 m.k.) konfinanti mill-irjieh kollha ma' beni ta' terzi mhux maghrufa;*
    - *U l-ohra tal-kejl ta' cirka tlieta u sittin metru kwadru (63 m.k.) konfinanti mill-majjistral ma' Triq it-Torri ta' Kennuna u mill-irjieh l-ohra ma' beni ta' terzi mhux maghrufa;*

**IR- RISPOSTA TA' L-INTIMATI**

Skont l-intimati t-talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda stante :

1. *Illi fl-ewwel lok, t-talba ghall-hrug tal-Mandat de quo ma tiswiex u l-Mandat innifsu huwa irritu u null stante illi dan ma jirrispettax l-elementi rikjesti ad validitatem mil-ligi;*

2. *Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, u gialadarba r-rikorrenti ghazel illi jipprocedi b'Mandat t'Inibizzjoni "generali" taht l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 (a differenza mill-Mandat t'Inibizzjoni taht l-Artikolu 874), ir-rikorrenti ghandu jissodisfa l-kriterji mitluba fl-Artikolu 873(2);*

   *llli fit-termini tas-sentenza fl-ismijiet Michael Farrugia et vs Omar Ellul (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Gunju 2020):*

   *"Il-harsien li l-ligi timmira ghalih huwa dak li, mingħajr il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-jedd li jista' jkollhom ir-rikorrenti jitnehha darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*

   *B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li 'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talbaV għall-ħruġ tal-Mandat.*

   *Il-pregudizzju li r-rikorrent jkun jrid iwaqqaf irid ikun wiehed li ma jkunx hemm rimedju iehor ghalih jekk mhux bil-hrug tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

   *Huwa ghalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta' natura eccezzjonali."*

   *Illi minn qari ta' dis-sentenza ghandu johrog bic-car illi f'dan il-kaz in partikolari, ir-rekwizit tal-pregudizzju ma giex sodisfatt mir-rikorrenti. Il-jedd illi qed jivvanta r-rikorrenti mhux ser "jintilef darba ghal dejjem" kemm-il darba ma jintlaqax il-Mandat odjern. Fil-verita dan l-allegat jedd bl-ebda mod ma' jista' jigi affetwat bil-hrug o meno ta' dan il-Mandat in partikolari.*

3. *Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, hemm distakk stratosferiku bejn il-valur tal-proprjeta illi hija prevista li tinzamm bis-sahha ta' dan il-Mandat, u l-valur ta' kwalunkwe pretensjoni li jista' jkollu r-rikorrenti.*

   *Tajjeb jinghad illi l-pretensjoni tar-rikorrenti - del resto kif iddikjara huwa stess - hija ghal kumpens ghal servigi allegatament resi lil Gusepp Cini. Wiehed isibha difficli jifhem kif - sabiex jikkawtela tali pretensjoni - ir-rikorrenti qed jippretendi li jinzammu numru ta' proprjetajiet meta fil-verita anke proprjeta wahda minnhom biss kapaci tikkawtela kwalunkwe pretensjoni li dan jista' jkollu."*

**RIZULTANZI.**

Ir-rikorrent qed jitlob il-hrug tal-mandat ta inbizzjoni billi skond hu ghamel zmien konsiderevoli jippresta servigi, kuri u assistenza fil-kommissjonijiet kollha ta' Guzepp Cini li kien joqghod f'numru sebgha (7), Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 60742(G), li jigi zewg l-intimata Carmen Cini u missier l-intimati l-ohra. L-intimati qed jopponu din it-talba.

Waqt it-trattazzjoni r-rikorrent iddikjara li l-pretensjoni tieghu ma taqbizx il-mitt elf ewro (€100,000). Minn naha taghhom l-intimati filwaqt li rtiraw l-ewwel eccezzjoni ta nullita iddikjaraw illi huma lesti ma jikkontestawx it-talba ghal hrug tal-mandat sakemm il-mandat jkun jolqot biss il-fond numru 10, fi blokk bini bl-isem Alfina, Triq Manwel Magro, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex.

Il-Qorti tinnota li b'rejazzjoni ghas-sottomissjoni ta' l-intimati r-rikorrent accetta illi l-effetti tal-mandat mitlub minnu jkun limitatament ghal propjeta msemmija mill-intimati diment l-intimata Carmen Cini tiddikjara li qed torbot is-sehem indiviz personali taghha f'din il-propjeta wkoll.

In segwitu ghal din id-dikjarazzjoni li saret seduta stante, fil-15 ta' Marzu, 2021 l-intimati imbghad ipprezentaw nota fl-atti tal-mandat, ffirmata minnhom lkoll li permezz taghha iddikjaraw illi l-intier tal-fond numru 10 u formanti parti mill-korp bl-isem "Alfina Court", Triq Manwel Magro, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, ghandu jkun suggett ghall-effetti tal-mandat ad eskluzzjoni tal-propjetajiet kollha l-ohra msemmija fit-talba tar-rikorrent.

In vista tan-nota ta' l-intimati u tad-dikjarazzjoni tar-rikorrent kif gia msemmija, il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa t-talba tar-rikorrent izda limitatament ghal fond bin-numru 10, li jinsab fil-korp ta bini bl-isem "Alfina Flats" Triq Manwel Magro, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex.

**PROVVEDIMENT.**

Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl ta' dak kollu espost, filwaqt illi tirrevoka ***in parte*** *contrario imperio* id-digriet taghha ta' l-04 ta' Marzu, 2021, tikkonferma l-imsemmi digriet **BISS u LIMITATAMENT** fil-konfront ta' l-appartament numru 10, fil-korp ta bini bl-isem "Alfina Flats", Triq Manwel Magro, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex.

Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur